MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 687/2014

**GO plc**
**C22334**

**vs**

**Tamburella Gaetano Filippo**
**ID57331-A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta`attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta`attrici s-somma ta' elf, tlett mija, sebgha u ghoxrin ewro, hamsa u disghin centezmu (€1,327.95c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40148094

u A/C40154516 moghtija mis-Socjeta`attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok.'IZY1' u Dok.'IZY2' – prospett u ftehim ghall-

akkont bin-numru A/C40148094 u Dok.'IZY3' u Dok.'IZY4' – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C40154516 u Dok.'IZY5' – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok.'IZY6' – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' 'nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra d-dokumenti li gewipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.'IZY1' sa Dok.'IZY6'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta`attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta`attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-Socjeta`attrici s-somma ta' elf, tlett mija, sebgha u ghoxrin ewro, hamsa u disghin centezmu (€1,327.95c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------